31998R1172

6.6.1998 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 163/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1172/98

## tal-25 ta' Mejju 1998

## dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 213 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-abbozz tar-Regolament sottomess mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

(1) Billi, sabiex twettaq ix-xogħlijiet mogħtija lilha fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport, il-Kummissjoni għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha data statistika komparabbli, ta' min jorbot fuqha, sinkronizzata, regolari u komprensiva fuq l-iskala u l-iżvilupp tal-ġarr tal-merkanzija bit-triq permezz ta' vetturi rreġistrati fil-Komunità, u fi grad ta' utilizzazzjoni tal-vetturi li jwettqu dan it-trasport.

(2) Billi d-Direttiva tal-Kunsill 78/546/KEE tat-12 ta' Ġunju 1978 dwar ir-riżultati ta' l-istatistika rigward il-ġarr tal-merkanzija bit-triq, bħala parti mill-istatistiċi reġjonali ([4]) ma tipprovdix għal riżultati dwar it-tipi ta' trasport li ma kinux awtorizzati fiż-żmien meta kienet adottata d-Direttiva; billi r-riżultati li hemm ipprovdut għalihom ifornu informazzjoni differenti għat-trasport nazzjonali u internazzjonali u billi din ma tipprovdi ebda informazzjoni fuq il-grad ta' utilizzazzjoni għall-vetturi li jwettqu dan it-trasport.

(3) Billi huwa neċessarju li jiġu kkompilati statistiċi reġjonali komprensivi kemm rigward il-ġarr tal-merkanzija kif ukoll rigward il-vjaġġi tal-vetturi.

(4) Billi hu għalhekk xieraq li tiġi emendata s-sistema stabbilita mid-Direttiva 78/546/KEE biex tiġi assigurata d-deskrizzjoni ta' l-oriġini u d-destinazzjoni reġjonali tat-trasport intra-Komunitarju fuq l-istess bażijiet tat-trasport nazzjonali, u biex tiġi pprovduta rabta bejn il-ġarr tal-merkanzija u l-vjaġġi tal-vetturi billi jitkejjel il-grad ta' l-utilizzazzjoni tal-vetturi li jwettqu dan it-trasport.

(5) Billi, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-ħolqien tal-livelli statistiċi komuni li jippermettu l-produzzjoni ta' l-informazzjoni armonizzata jista' jsir b'mod effiċjenti biss fil-livell Komunitarju, filwaqt li d-*data* tinġabar f'kull Stat Membru taħt l-awtorità ta' l-entitajiet u l-istituzzjonijiet inkarigati mill-kompilazzjoni ta' l-istatistiċi uffiċjali.

(6) Billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-istatistiċi Komunitarji ([5]) jipprovdi qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, b'mod partikulari dawk relatati ma' l-aċċess għas-sorsi tad-*data* amministrattivi, ma' kemm il-prezz tar-riżorsi disponibbli jkun ekonomiku u mal-kunfidenzjalità statistika.

(7) Billi li l-komunikazzjoni tad-*data* individwali, ladarba ssir anonima, tkun neċessarja sabiex tiġi stmata l-preċiżjoni globali tar-riżultati.

(8) Billi huwa importanti li jiġi assigurat li l-informazzjoni statistika tixxerred kif suppost.

(9) Billi, matul il-perijodu tal-bidu, il-Komunità tkun teħtieġ li tipprovdi lill-Istati Membri kontribuzzjoni finanzjarja għat-twettiq tax-xogħol neċessarju.

(10) Billi huwa xieraq li ssir proċedura simplifikata għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-adattazzjoni tiegħu għall-progress ekonomiku u tekniku.

([1]) ĠU C 341, tal-11.11.1997, p. 9.
([2]) ĠU C 104, tas-6.4.1998.
([3]) ĠU C 95, tat-30.3.1998, p. 33.
([4]) ĠU L 168, tas-26.6.1978, p. 29. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mill-Att tas-Shubija ta' l-1994.
([5]) ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 1.

(11) Billi l-Kumitat tal-Programm Statistiku stabbilit mid-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom ([1]) ġie kkonsultat skond l-L-Artikolu 3 tagħha; billi dan iddikjara li huwa jaqbel ma' dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

**Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jikkompila statistiċi Komunitarji dwar il-ġarr ta' merkanzija bit-triq permezz ta' vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzija li jkunu rreġistrati f'dak l-Istat Membru, u dwar il-vjaġġi li jsiru minn vetturi bħal dawn.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-ġarr tal-merkanzija bit-triq permezz ta':

(a) l-vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzja li l-piż awtorizzat jew id-dimensjonijiet tagħhom jaqbżu l-limiti normalment permessi fl-Istati Membri kkonċernati;

(b) il-vetturi agrikoli, il-vetturi militari u l-vetturi li jkunu ta' l-amministrazzjonijiet ċentrali jew pubbliċi lokali, bl-eċċezzjoni tal-vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzija li jkunu ta' impriżi pubbliċi, u b'mod partikulari ta' impriżi ferrovjarji.

Kull Stat Membru jista' jeskludi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament il-vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzija li l-kapaċità tat-tagħbija tagħhom jew il-piż permissibbli tagħhom meta bit-tagħbija jkun anqas minn ċertu limitu. Dan il-limitu ma jistax jaqbeż kapaċita tat-tagħbija ta' 3,5 tunnellata metrika jew piż permissibbli meta bit-tagħbija ta' 6 tunellati metriċi fil-każ ta' vetturi b'mutur wieħed.

*L-Artikolu 2*

**Id-definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

– "ġarr tal-merkanzija bit-triq": it-trasport kollu tal-merkanzija permezz tal-vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzija,

– "il-vettura tat-trasport bit-triq": vettura tat-trasport bit-triq li tkun mgħammra b'mutur li jkun il-mezz waħdieni għall-propulsjoni tagħha, li hi normalment użata għall-ġarr tal-persuni jew tal-merkanzija bit-triq, jew għall-ġbid, bit-triq, ta' vetturi wżati għall-ġarr ta' persuni jew merkanzija,

– "vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija": vettura tat-triq iddisinjata esklussivament jew primarjament għall-ġarr tal-merkanzija (vann, karru, nofs-karru),

– "vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq": kwalunkwe vettura singola tat-triq għat-trasport (trakk), jew kombinazzjoni ta' vetturi tat-triq, jiġifieri tren (trakk ma' karru) jew vettura artikolata (żiemel ma' nofs-karru) iddisinjati għall-ġarr tal-merkanzija,

– "trakk": vettura tat-triq riġida ddisinjata esklussivament jew primarjament għall-ġarr tal-merkanzija,

– "żiemel": vettura tat-triq għat-trasport iddisinjata esklussivament jew primarjament biex tiġbed vetturi oħra tat-triq li ma jkunux misjuqa minn mutur (b'mod ewlieni nofs karru),

– "karru": vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija ddisinjata biex tinġibed minn vettura tat-trasport bit-triq,

– "nofs-karru": vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija mingħajr fus fuq quddiem iddisinjata b'dan il-mod biex parti mill-vettura u parti sostanzjali tal-piż mgħobbi tagħha tistrieħ fuq iż-żiemel,

– "vettura artikolata": żiemel flimkien ma' nofs-karru,

– "tren tat-triq": vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija imqabbda ma' karru.

Din il-kategorija tinkludi wkoll vettura artikolata b'karru ieħor imqabbad magħha,

– "irreġistrat": l-istat ta' meta vettura titniżżel f'reġistru ta' vetturi tat-triq għat-trasport, miżmum minn entità uffiċjali fi Stat Membru, sew jekk ir-reġistrazzjoni tkun akkumpanjata mill-ħruġ tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni sew jekk le.

Fil-każ ta' ġarr permezz ta' kombinazzjoni ta' vetturi tat-triq għat-trasport, jiġifieri tren (trakk ma' karru) jew vettura artikolata (żiemel ma' nofs karru), fejn il-vettura tat-triq għall-merkanzija (trakk jew żiemel) u l-karru jew in-nofs karru jkunu rreġistrati f' pajjiżi differenti, il-vettura sħiha għandha titqies bħala li tkun irreġistrata fil-pajjiż fejn il-vettura tat-triq għall-merkanzija tkun irreġistrata,

– "il-kapaċità għat-tagħbija": il-piż massimu tal-merkanzija ddikjarata permessibbli mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

Meta l-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq ikun tren magħmul minn trakk b'karru, il-kapaċità tat-tagħbija tat-tren tkun it-total tal-kapaċità tat-tagħbija tat-trakk u tal-karru,

– "il-piż massimu permissibbli": il-piż totali tal-vettura (jew il-kombinazzjoni tal-vetturi) meta din tkun wieqfa u lesta għat-triq flimkien mal-piż tat-tagħbija iddikjarat permissibbli mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-vettura,

– "Eurostat": id-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli għat-twettiq tax-xogħlijiet li jaqgħu fuq dik l-istituzzjoni fis-settur tal-produzzjoni ta' l-istatistiċi Komunitarji.

([1]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

*L-Artikolu 3*

**Il-ġbir tad-*data***

1. L-Istati Membri għandhom jikkompilaw *data* statistika li jkollha x'taqsmu mas-setturi li ġejjin:

(a) id-*data* li għandha x'taqsam mal-vetturi;

(b) id-*data* li għandha x'taqsam mal-vjaġġ;

(ċ) id-*data* li għandha x'taqsam mal-merkanzija.

2. It-tagħrif varjabbli fl-istatistiċi ta' kull żona, id-definizzjoni tagħhom u l-livelli fil-klassifika użata għall-analiżi qed jingħataw fl-Annessi.

3. Meta jkun qed jiġi deċiż il-metodu li għandu jiġi użat għall-kompilazzjoni tad-*data* statistika, l-Istati Membri għandhom jieqfu milli jwettqu kwalunkwe formalità fuq il-fruntieri ta' bejn l-Istati Membri.

4. Il-karatteristiċi tal-ġbir tad-*data* u l-kontenut ta' l-Annessi għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10.

*L-Artikolu 4*

**Il-preċiżjoni tar-riżultati**

Il-metodi għall-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* għandhom jiġu żviluppati biex jassiguraw li r-riżultati ta'l-istatistika trasmessi mill-Istati Membri jilħqu l-livelli minimi tal-preċiżjoni, waqt li jitiqesu l-karatteristiċi strutturali tat-trasport bit-triq fl-Istati Membri. Dawn il-livelli għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 10.

*L-Artikolu 5*

**It-trasmissjoni tar-riżultati lill-Eurostat**

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Eurostat kull erba' xhur id-*data* individwali vverifikata kif suppost li tkun tikkorrispondu mat-tibdiliet imsemmija fl-Artikolu 3 u elenkati fl-Anness A, mingħajr l-indikazzjoni ta' l-isem, l-indirizz jew in-numru tar-reġistrazzjoni.

Trasmissjoni bħal din għandha, fejn ikun xieraq, tinkludi d-*data* li għandha x'taqsam ma' termini trimensili anteċedenti li għalihom id-data trasmessa kienet proviżorja.

2. L-arranġamenti għat-trasmissjoni tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1, inklużi, jekk ikun hemm, l-iskedi statistiċi bbażati fuq dawk id-data, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 10.

3. It-trasmissjoni għandha sseħħ fi żmien ħames xhur mill-aħħar ta' kull perjodu ta' tliet xhur ta' osservazzjoni.

L-ewwel trasmissjoni għandha tkopri l-ewwel tliet xhur ta' l-1999.

4. Matul perijodu transizzjonali mill-1 ta' Jannar 1999 sa data stabbilita skond il-paragrafu 5, Stat Membru jista' juża kodifikazzjoni simplifikata għall-varjabbli elenkati fl-Anness A, il-parti A2, it-taqsimiet 3, 4, 8 u 9, u fil-parti A3, it-taqsimiet 5 u 6.

Din il-kodifikazzjoni simplifikata għandha tkun tikkonsisti fi:

– għat-trasport nazzjonali: kodifikazzjoni skond l-Anness G,

– għat-trasport internazzjonali: għall-kodifikazzjoni għal kull pajjiż.

5. Id-data ta' l-iskadenza tal-perjiodu transizzjonali provdut fil-paragrafu 4 għandha tiġi ffissata, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10, malli l-kondizzjonijiet tekniċi jkunu jeżistu biex jagħmluha possibbli li jkun hemm sistema effettiva ta' kodifikazzjoni reġjonali biex tintuża kemm għat-trasport nazzjonali kif ukoll internazzjonali skond l-Anness G, it-taqsimiet 1 u 2.

*L-Artikolu 6*

**Id-disseminazzjoni tar-riżultati**

Id-dispożizzjonijiet dwar id-disseminazzjoni tar-riżultati ta' l-istatisitika rigward il-ġarr tal-merkanzija bit-triq, inklużi l-istruttura u l-kontenut tar-riżultati li għandhom jiġu disseminati, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 10.

*L-Artikolu 7*

**Ir-rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Eurostat, fid-*data* jew qabel id-data li fiha l-informazzjoni ta' l-ewwel tliet xhur tiġi mgħoddija, rapport dwar il-metodi użati għall-kompilazzjoni tad-*data*.

L-Istati Membri għandhom ukoll jgħaddu lill-Eurostat id-dettalji ta' kwalunkwe tibdil sostanzjali fil-metodi użati għall-ġbir tad-*data*.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Eurostat bl-informazzjoni ta' kull sena dwar id-daqsijiet tal-kampjuni, ir-rati ta' dawk li ma weġbux u, fil-forma ta' żball normali jew intervalli tal-kunfidenza, kemm ikunu ta' min jorbot fuqhom ir-riżultati ewlenija.

3. Wara li d-*data* tkun inġabret matul tliet snin, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza miksuba fix-xogħol imwettaq skond dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 8*

**Il-kontribuzzjoni finanzjarja**

1. Matul l-ewwel tliet snin ta' l-implimentazzjoni tar-riżultati ta' l-istatistika kif provdut minn dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jirċievu kontribuzzjoni fil-forma ta' assistenza finanzjarja mill-Komunità favur l-ispiża minfuqa fit-twettiq tax-xogħol involut.

2. L-ammont ta' l-approprjazzjonijiet allokati għal din il-miżura kull sena għandu jiġi ffissat bħala parti mill-proċedura annwali tal-*budget*.

3. L-awtorità tal-*budget* għandha tiddeċiedi l-approprjazzjonijiet disponibbli għal kull sena.

4. Fir-rapport provdut fl-Artikolu 7(3), il-Kummissjoni għandha tenumera l-użu tal-fondi Komunitarji allokati għal din il-miżura.

Fuq il-bażi tar-rapport provdut mill-Artikolu 7(3), il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk kontribuzzjonijiet finanzjarji oħra jkunux neċessarji għal perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

*L-Artikolu 9*

**Il-proċeduri għall-implimentazzjoni**

Il-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-miżuri għall-adattazzjoni tiegħu b'riżq il-progress ekonomiku u tekniku għandhom jiġu stabbiliti, sakemm dan ma jkunx jinvolvi żieda sproporzjonata fl-ispiża għall-Istati Membri u/jew piż fuq dawk li jirrispondu, b'konformità mal-proċedura speċifikata fl-Artikolu 10. Proċeduri bħal dawn għandhom jikkonċernaw b'mod partikulari:

– l-adattazjoni tal-karatteristiċi tal-ġbir tad-*data* u tal-kontenut ta' l-Annessi,

– il-ħtiġiet dwar il-preċiżjoni,

– l-arranġamenti għat-trasmissjoni tad-*data* lill-Eurostat, inklużi, jekk ikun hemm, l-iskedi ta' l-istatistika bbażati fuq dik id-data,

– id-disseminazzjoni tar-riżultati,

– l-appuntar tad-*data* ta' l-iskadenza tal-perjodu transizzjonali provdut fl-Artikolu 5(5) għat-trasmissjoni tal-varjabbli elenkati fl-Artikolu 5(4).

*L-Artikolu 10*

**Il-proċedura**

Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz fi żmien limitat li l-president għandu jistabilixxi skond l-urġenza tal-kwestjoni. L-opinjoni għandha tingħata mill-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandhom jiġu peżati skond il-mod provdut f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri, li għandhom jgħoddu immedjatament. Madanakollu, jekk dawn il-miżuri ma jkunux konformi ma'l-opinjoni tal-Kumitat, dawn għandhom immedjatament jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill. F'dak il-każ:

– il-Kummissjoni għandha tipposponi l-applikazzjoni tal-miżuri li tkun iddeċidiet fuqhom għal perijodu ta' tliet xhur mid-data tal- komunikazzjoni,

– il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien il-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel inċiż.

*L-Artikolu 11*

**Id-Direttiva 78/546/KEE**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-riżultati għas-snin 1997 u 1998 skond id-Direttiva 78/546/KEE.

2. Id-Direttiva 78/546/KEE qiegħda b'dan titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 1999.

*L-Artikolu 12*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Mejju 1998.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. CUNNINGHAM

*L-ANNESSI*

| | |
|---|---|
| L-Anness A | IL-LISTA TAL-VARJABBLI |
| L-Anness B | IL-KLASSIFIKA TAL-KONFIGURAZZJONIJIET TAL-FUS |
| L-Anness Ċ | IL-KLASSIFIKA TAT-TIPI TAL-VJAĠĠI |
| L-Anness D | IL-KLASSIFIKA TAL-MERKANZIJA |
| L-Anness E | IL-KLASSIFIKA TAL-KATEGORIJI TAL-MERKANZIJA PERIKOLUŻA |
| L-Anness F | IL-KLASSIFIKA TAT-TIPI TAL-MERKANZIJA |
| L-Anness G | IL-KODIFIKA TAL-POSTIJIET TAT-TAGĦBIJA U L-ĦATT |

*L-ANNESS A*

**Il-LISTA TAL-VARJABBLI**

L-informazzjoni li għandha tingħata għal kull vettura għandha tinqasam hekk:

A1. id-*data* li għandha x'taqsam mal-vettura;

A2. id-*data* li għandha x'taqsam mal-vjaġġ;

A3. id-*data* li għandha x'taqsam mal-merkanzija (fl-operazzjoni bażika tat-trasport).

A1. IL-VARJABBLI RELATATI MAL-VETTURA

Skond id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2 tar-Regolament, vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq għandha tkun kwalunkwe vettura singola għat-trasport (trakk) tat-triq jew kombinazzjoni ta' vetturi tat-triq, jiġifieri tren tat-triq (trakk bil-karru) jew vettura artikulata (żiemel ma' semi-karru) iddisinjati għall-ġarr tal-merkanzija.

Id-*data* li għandha x'taqsam mal-vettura li għandha tingħata hija din li ġejja:

1. il-possibilità ta' l-użu tal-vetturi għat-trasport ikkombinat (volontarju);

2. il-konfigurazzjoni tal-fus skond l-Anness B (volontarja);

3. kemm għandha żmien (fi snin) il-vettura għat-trasport bit-triq (it-trakk jew iż-żiemel) (mill-ewwel reġistrazzjoni tagħha);

4. il-piż massimu permisibbli, f'100 kg;

5. il-kapaċità għat-tagħbija, f'100 kg;

6. l-operatur tal-vettura NACE Rev. 1 il-kategorija ta' l-attività (livell sa erba' ċifri) (volontarju) ([1]);

7. it-tip ta' trasport (b'kiri jew bi premju/għal rasu);

8. it-tip ta' kilometri misjuqa matul il-perjodu tas-sondaġġ;

8.1. imgħobbi;

8.2. vojt (inklużi l-vjaġġi taż-żwiemel mingħajr in-nofs karri)(volontarju);

9. il-vettura piżata, li għandha tintuża biex jinkisbu r-riżultati kompleti mid-*data* individwali jekk id-*data* tkun inġabret fuq il-bażi ta' kampjuni kif jiġu.

**Il-konfigurazzjonijiet suċċessivi**

Meta l-vettura għat-trasport bit-triq magħżula tkun trakk waħdu, jiġifieri mingħajr karru, matul il-perjodu tas-sondaġġ, din tkun tikkonstitwixxi fiha nfisha l-vettura tat-triq għat-trasportazzjoni tal-merkanzija.

Madanakollu, meta l-vettura tat-trasport bit-triq li tintgħażel għas-sondaġġ tkun żiemel tat-triq – li f'dak il-każ ikollu nofs karru meħmuż miegħu – jew meta jkun trakk li miegħu jkun meħmuż karru, id-*data* meħtieġa taħt ir-Regolament tkun dwar il-vettura għat-trasport tal-merkanzija tat-triq meħuda bħala ħaġa intiera. F'dan il-każ, jista' jkun hemm bidla fil-konfigurazzjoni matul il-perijodu tas-sondaġġ (bi trakk li jżid karru miegħu jew ibiddel il-karru matul il-perjodu, jew żiemel tat-triq ibiddel in-nofs karru tiegħu). F'każ bħal dan, dawn il-konfigurazzjonijiet suċċessivi għandhom jiġu rreġistrati, u d-*data* dwar l-vettura għandha tiġi fornuta għal kull vjaġġ. Madanakollu, jekk ma jkunx possibbli li dawn il-konfigurazzjonijiet suċċessivi jiġu rreġistrati, hemm qbil li, fil-każ tal-varjabbli relatati mal-vetturi, dawk li jikkorrispondu mal-konfigurazzjoni fil-bidu ta'l-ewwel vjaġġ li jkun sar bit-tagħbija matul il-perjodu tas-sondaġġ jew mal-konfirgurazzjoni l-aktar użata matul dak il-perjodu jiġu rreġistrati.

**It-tibdil fit-tip tat-trasport**

Bl-istess mod, waqt li jiddependi mill-vjaġġ, it-trasport jista' jsir għal rasu, għall-kiri jew għall-kumpens, u t-tip ta' trasport għandu jiġi rreġistrat għal kull vjaġġ. Madanakollu, jekk ma jkunx possibli li jiġu rreġistrati dawn il-bidliet, hemm qbil li t-tip ta' trasport irreġistrat ikun dak li jikkorrispondi mal-mod prinċipali ta' l-utilizzazzjoni.

([1]) Il-klassifika ta' l-istatisika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunitajiet Ewropej.

A2. IL-VARJANTI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-VJAĠĠ

Matul il-perijodu tas-sondaġġ, il-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq tagħmel vjaġġi, jew bla tagħbija (ma jkun hemm ebda merkanzija jew kontenituri vojta fit-trakk, il-karru jew in-nofs karru, li jkunu għalhekk "kompletament vojti") jew bit-tagħbija (ikun hemm jew merkanzija inkella kontenituri vojti fit-trakk, il-karru jew in-nofs karru, filwaqt li l-kontenituri vojti jkunu ta' tip partikolari ta' merkanzija). Id-distanza tal-vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija meta mgħobbija hija d-distanza bejn l-ewwel post tat-tagħbija u l-aħħar post tat-ħatt (fejn il-vettura għat-trasport tal-merkanzija tkun kompletament żvojtata). Vjaġġ bit-tagħbija jista' għalhekk ikopri ħafna operazzjonijiet bażiċi ta' trasport.

Id-*data* li għandha tingħata għal kull vjaġġ hija kif ġej:

(1) it-tip tal-vjaġġ skond in-nomenklatura fl-Anness Ċ;

(2) il-piż tal-merkanzija li nġarret matul il-vjaġġ jew matul kull stadju tal-vjaġġ, il-piż gross f'100 kg;

(3) il-post tat-tagħbija (tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, għal vjaġġ bit-tagħbija);

– *id-definizzjoni*: il-post tat-tagħbija huwa l-ewwel post li minnu l-merkanzija titgħabba fuq il-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, li qabel kienet kompletament vojta (jew fejn iż-żiemel tat-triq jiġi mehmuż ma' nofs karru mgħobbi). Għal vjaġġ bla tagħbija, dan huwa l-post tal-ħatt tal-vjaġġ bit-tagħbija preċedenti (l-idea ta' "il-post fejn jibda l-vjaġġ bla tagħbija").

– *il-kodifika*: il-post tat-tagħbija jiġi kkodifkat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness G;

(4) il-post tal-ħatt (tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, għal vjaġġ bit-tagħbija);

– *id-definizzjoni*: il-post tal-ħatt huwa l-aħħar post li fih il-merkanzija tiġi maħtuta minn fuq il-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, li wara tkun kompletament vojta (jew fejn iż-żiemel tat-triq ikun sganċjat minn man-nofs karru). Għall-vjaġġ bla tagħbija, huwa l-post tat-tagħbija tal-vjaġġ bit-tagħbija li jkun imiss (l-idea ta' "il-post fejn jispiċċa l-vjaġġ bla tagħbija").

– *il-kodifika*: il-post tal-ħatt jiġi kkodifkat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness G;

(5) id-distanza vvjaġġata: id-distanza attwali bl-esklużjoni tad-distanza misjuqa mill-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq waqt il-ġarr b'mezz ieħor ta' trasport;

(6) it-tunnellati metriċi/kilometri vvjaġġati matul il-vjaġġ;

(7) il-pajjiżi ttraversati matul il-vjaġġ (mhux iktar minn ħamsa, ikkodifikati skond il-Ġeonomenklatura ([1]);

(8) il-post tat-tagħbija, jekk ikun hemm, tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq fuq mezz ieħor ta' trasport skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness G (volontarju);

(9) il-post tal-ħatt, jekk ikun hemm, tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq minn mezzi oħra ta' trasport skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness G (volontarju);

(10) is-sitwazzjoni "mgħobbi totalment" (il-proċedura 2) jew "mhux mgħobbi totalment" (il-proċedura 2) tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq matul il-vjaġġ inkwestjoni, f'termini tal-volum massimu ta' spazju użat matul il-vjaġġ (il-proċedura 0 = skond il-konvenzjoni għal vjaġġi bla tagħbija) (volontarju).

A3. IL-VARJABBLI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-MERKANZIJA (fl-operazzjoni bażika tat-trasport)

Matul vjaġġ bit-tagħbija, jistgħu jitwettqu bosta operazzjonijiet bażiċi tat-trasport, filwaqt li operazzjoni bażika tat-trasport tkun tfisser trasport ta' tip wieħed ta' merkanzija (definita b'referenza għal livell partikulari tan-nomenklatura) bejn il-post fejn titgħabba u l-post fejn tinħatt.

Id-*data* li għandha tingħata rigward operazzjoni bażika tat-trasport matul vjaġġ bit-tagħbija hija din:

(1) it-tip tal-merkanzija, skond il-gruppi li jirreferu għal klassifika xierqa (ara l-Anness D);

(2) il-piż tal-merkanzija: il-piż gross, f'100 kg;

(3) jekk ikun meħtieġ, il-klassifika tal-merkanzija bħala perikoluża skond il-kategorji ewlenija tad-Direttiva 94/55/KE ([2]) mogħtija fl-Anness E;

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi għall-istatistiċi tan-negozju Komunitarju estern.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fejn għandu x'jaqsam il-ġarr tal-merkanzija perikoluża bit-triq (ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 7). Id-Direttiva kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/86/KE (ĠU L 335, ta' l-24.12.1996, p. 43). Għall-aħħar emendi lill-Annessi, ara l-ĠU L 251, tal-15.9.1997, p. 1.

(4) it-tip tat-tagħbija kif mogħtija fl-Anness F (volontarju);

(5) il-post tat-tagħbija tal-merkanzija, ikkodifkat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness G;

(6) il-post tal-ħatt tal-merkanzija, kkodifkat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness G;

(7) id-distanza vvjaġġata, id-distanza attwali bl-esklużjoni tad-distanza misjuqa mill-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq waqt li tkun qed tinġarr minn mezzi oħra tat-trasport.

L-OPERAZZJONIJIET TAT-TRASPORT IMWETTQA MATUL VJAĠĠ TAT-TIP "DAWRA TA' ĠBIR JEW DISTRIBUZZJONI" (vjaġġ tat-tip 3)

Għal dan it-tip ta' vjaġġ, b'ħafna postijiet ta' tagħbija u/jew ħatt, tkun ħaġa prattikament impossibli li wieħed jitlob lill-operaturi tat-trasport biex jiddeskrivu l-operazzjonijiet bażiċi tat-trasport.

Fil-każ ta' dawn il-vjaġġi, meta dawn jiġu identifikati bħala tali, operazzjoni tat-trasport bażika, singola u nominali tinħoloq ġeneralment fuq il-bażi ta' l-informazzjoni dwar il-vjaġġ.

Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tiegħu għal dan it-tip ta' vjaġġ u jispjega l-assunzjonijiet simplifikanti li hu jiġi obbligat li japplika fil-ġbir tad-*data* dwar l-operazzjonijiet ta' trasport korrispondenti.

---

*L-appendiċi metodoloġika*

**Il-vjaġġi bit-tagħbija u l-operazzjonijiet bażiċi tat-trasport**

Waqt li jiddependi mill-Istat Membru kkonċernat, l-informazzjoni dwar it-trasport tinġabar fuq il-bażi ta':

– jew deskrizzjoni ta' kull operazzjoni bażika ta' ġarr ta' merkanzija (b'dettalji addizzjonali dwar vjaġġi bla tagħbija),

– jew deskrizzjoni tal-vjaġġi magħmula mill-vettura fit-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet bażiċi għat-trasport tal-merkanzija.

Fil-maġġoranza tal-każijiet, meta jsir vjaġġ bit-tagħbija dan ikun jirrappreżenta operazzjoni bażika waħda ta'trasport ma':

– tip wieħed ta' merkanzija mgħobbija (b'referenza għall-klassifika tal-merkanzija użata, f'dan il-każ l-24 grupp derivati mill-klassifika ta' l-NST) ([1]),

– post wieħed għat-tagħbija tal-merkanzija,

– post wieħed għall-ħatt tal-merkanzija.

F'dan il-każ iż-żewġ metodi użati jkunu kompletament ekwivalenti, u l-informazzjoni miġbura miż-żewġ metodi tiddeskrivihom it-tnejn:

– il-ġarr tal-merkanzija (l-operazzjonijiet bażiċi kollha għat-trasport tal-merkanzija),

– il-vjaġġi li jsiru mill-vetturi fit-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet, bid-dettalji tal-kapaċitajiet tal-vetturi u l-utilizzazzjoni ta' dawn il-kapaċitajiet (il-vjaġġ bit-tagħbija bil-ko-effiċjent ta'l-utilizzazzjoni; il-vjaġġ bla tagħbija).

Taħt dan ir-Regolament, il-ġarr tal-merkanzija u l-vjaġġi li jsiru mill-vetturi għandhom jiġu deskritti t-tnejn, imma ma huwiex mixtieq li l-operaturi tat-trasport jitgħabbew b'żieda eċċessiva fil-piż ta' l-istatistiċi billi dawn jintalbu jiddeskrivu fid-dettall il-ġarr tal-merkanzija u l-vjaġġi tal-vetturi.

Għalhekk, l-NSOs fl-Istati Membri, waqt il-kodifika tal-kwestjonarji, għandhom jikkostitwixxu mil-ġdid id-*data* li ma tkunx espliċitament meħtieġa mill-operaturi tat-trasport mid-*data* li dawn jiġbru fuq il-bażi jew ta' l-"operazzjoni bażika tal-ġarr", jew ta' "il-vjaġġ tal-vettura".

Il-problema tqum meta ħafna operazzjonijiet bażiċi tal-ġarr isiru matul vjaġġ wieħed bit-tagħbija, li jista' jkun minħabba:

– li jkun hemm ħafna postijiet tat-tagħbija u/jew tal-ħatt tal-merkanzija (imma jkunu limitati fil-għadd, inkella dawn ikunu dawriet ta' ġbir jew distribuzzjoni, li jkunu jeħtieġu trattament speċjali). F'dan il-każ dawn id-diversi postijiet ta' tagħbija u/jew ta' ħatt jiġu rreġistrati, biex jiġu kkalkulati direttament it-tunnellati metriċi/il-kilometri li jkunu saru matul il-vjaġġ, u l-uffiċju ta' l-istatistika jkun jista' jikkostitwixxi mill-ġdid l-operazzjonijiet bażiċi tal-ġarr,

– u/jew il-fatt li jkun hemm ħafna tipi ta' merkanzija ttrasportati matul il-vjaġġ bit-tagħbija, fatt li ġeneralment ma jitniżżilx fl-istatistiċi, ġaladarba tip wieħed biss ta' merkanzija (singola jew prinċipali) jintalab. F'dan il-każ it-telf ta' l-informazzjoni jiġi aċċettat u l-Istati Membri li jwettqu din it-tip ta' simplifikazzjoni għandhom jagħmlu referenza espliċita għaliha lill-Kummissjoni.

---

([1]) NST: In-nomenklatura uniformi tal-merkanzija għall-istatistiċi tal-ġarr.

*L-ANNESS B*

## Il-KLASSIFIKA TAL-KONFIGURAZZJONJIET TAL-FUS

Meta tintuża kombinazzjoni ta' vetturi, il-konfigurazzjoni tal-fus tgħodd l-għadd totali ta' fusien, jiġifieri l-fusien tat-trakk jew iż-żiemel tat-triq, flimkien ma' dawk tal-karru jew in-nofs karru.

Il-kategoriji tal-fusien huma dawn li ġejjin:

| | Il-Kodifika |
|---|---|
| 1. L-għadd tal-fusien fil-każ tal-vetturi singoli (trakkijiet): | |
| 2 | 120 |
| 3 | 130 |
| 4 | 140 |
| Oħrajn | 199 |
| 2. In-numru ta' fusien fil-każ ta' kombinazzjoni ta' vetturi: trakk u karru | |
| 2 + 1 | 221 |
| 2 + 2 | 222 |
| 2 + 3 | 223 |
| 3 + 2 | 232 |
| 3 + 3 | 233 |
| Oħrajn | 299 |
| 3. L-għadd tal-fusien fil-każ ta'kombinazzjonijiet ta' vetturi: żiemel tat-triq u n-nofs karru | |
| 2 + 1 | 321 |
| 2 + 2 | 322 |
| 2 + 3 | 323 |
| 3 + 2 | 332 |
| 3 + 3 | 333 |
| Oħrajn | 399 |
| 4. Żiemel tat-triq biss | 499 |

*L-ANNESS Ċ*

## IL-KLASSIFIKA TAT-TIPI TA' VJAĠĠI

1. Il-vjaġġ bit-tagħbija li jinvolvi operazzjoni bażika waħda ta' ġarr.

2. Il-vjaġġ bit-tagħbija li jinvolvi ħafna operazzjonijiet ta' ġarr, imma li ma jkunx ikkunsidrat bħala dawra ta' ġbir jew distribuzzjoni.

3. Il-vjaġġ bit-tagħbija tat-tip ta' dawra ta' ġbir jew distribuzzjoni.

4. Il-vjaġġi bla tagħbija.

*L-ANNESS D*

**IL-KLASSIFIKA TAL-MERKANZIJA**

Il-klassifika tal-merkanzija għandha tkun skond l-NST sa dak iż-żmien meta s-sostituzzjoni tagħha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni, b'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri.

IL-GRUPPI TA' MERKANZIJA

| Il-gruppi tal-merkanzija | Il-Kapitolu NST [1] | Il-gruppi NST [1] | Id-deskrizzjoni |
|---|---|---|---|
| 1 | 0 | 01 | Iċ-ċereali |
| 2 | | 02, 03 | Il-patata, ħaxix ieħor frisk u ffriżat, u l-frott |
| 3 | | 00, 06 | L-annimali ħajjin, il-pitravi taz-zokkor |
| 4 | | 05 | L-injam u s-sufra |
| 5 | | 04, 09 | It-tessuti u l-iskart, materjal ieħor mhux maħdum li ġej mill-annimal u mill-ħaxix. |
| 6 | 1 | 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17 | L-ikel u l-għalf ta' l-annimali |
| 7 | | 18 | Iż-żrieragħ taż-żejt u l-frott żejtni u xaħmijiet |
| 8 | 2 | 21, 22, 23 | Il-karburanti minerali solidi |
| 9 | 3 | 31 | Iż-żejt mhux raffinat |
| 10 | | 32, 33, 34 | Prodotti ta' żejt mhux raffinat |
| 11 | 4 | 41, 46 | Il-ħadid mhux maħdum, l-iskart tal-ħadid u ta' l-azzar u l-irmied tal-funderija |
| 12 | | 45 | Il-minerali mhux tal-ħadid u l-iskart tagħhom |
| 13 | 5 | 51, 52, 53, 54, 55, 56 | Il-prodotti tal-metall |
| 14 | 6 | 64, 69 | Is-siment, il-ġir, il-materjali maħduma għall-bini |
| 15 | | 61, 62, 63, 65 | Il-minerali pproċessati u m'ħumiex |
| 16 | 7 | 71, 72 | Il-fertilizzanti kimiċi u naturali |
| 17 | 8 | 83 | Il-faħam, il-kimiċi, il-qatran |
| 18 | | 81, 82, 89 | Il-kimiċi ta' xort' oħra mill-faħam, il-kimiċi u l-qatran |
| 19 | | 84 | Il-polpa tal-karta u l-iskart tal-karta |
| 20 | 9 | 91, 92, 93 | Il-vetturi u t-tagħmir tat-trasport, il-makkinarju, l-apparat, l-inġenji, kemm jekk mibnija kemm jekk le, u l-partijiet tagħhom |
| 21 | | 94 | L-oġġetti tal-metall maħdum |
| 22 | | 95 | Il-ħġieġ, l-oġġetti tal-ħġieġ u l-prodotti taċ-ċeramika |
| 23 | | 96, 97 | Il-ġilda, it-tessuti, l-ilbies,u oġġetti maħduma oħra |
| 24 | | 99 | Oġġetti mixxellanji |

[1] Ippubblikat mill-Ufficcju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Edizzjoni 1968).

*L-ANNESS E*

**IL-KLASSIFIKA TA' KATEGORIJI TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA** (*)

| | |
|---|---|
| 1 | L-esplossivi |
| 2 | Il-gassijiet, ikkumpressati, likwifikati jew imdewba taħt pressjoni |
| 3 | Il-likwidi li jieħdu n-nar |
| 4.1 | Is-solidi li jieħdu n-nar |
| 4.2 | Is-sostanzi li jaqbdu weħidhom |
| 4.3 | Is-sostanzi li, f'kuntatt ma' l-ilma, jarmu gassijiet li jaqbdu |
| 5.1 | Is-sostanzi ossidanti |
| 5.2 | Il-perossidi organiċi |
| 6.1 | Is-sostanzi tossiċi |
| 6.2 | Is-sostanzi li jistgħu jikkaġunaw infezzjonijiet |
| 7 | Il-materjal radjuattiv |
| 8 | Il-korrużivi |
| 9 | Is-sostanzi perikolużi mixxellanji |

(*) Kull kategorija hija jew klassi jew sezzjoni ta' klassi tal-klassifika tat-tipi ta' merkanzija perikoluza kif ġiet definita fid-Direttiva 94/55/KE, l-Anness A, it-Taqsima I, in-nota marginali 2002 ([1]).

([1]) L-Annessi A and B għad-Direttiva 94/55/EC. L-aħħar emendi għal dawn l-Annessi jidhru fil-ĠU L 251, tal-15.9.1997, p. 1.

*L-ANNESS F*

**KLASSIFIKATAT-TIPI TA' TAGĦBIJA** (*)

0 Il-merkanzija likwida mhux stivata (bla unità ta' tagħbija)

1 Il-merkanzija solida mhux stivata (bla unità ta' tagħbija)

2 Il-kontenituri l-kbar tal-merkanzija

3 Il-kontenituri l-oħra tal-merkanzija

4 Il-merkanzija li tinġarr fuq pallets

5 Il-merkanzija qabel ma tiġi mbragata

6 L-unitajiet mobbli awtomoventi

7 Unitajiet mobbli oħra

8 (Riservat)

9 Tipi oħra ta' merkanzija

(*) Il-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa — Kodiċi għat-tipi ta' merkanzija, pakketti u materjali ta' l-imballagg, ir-Rakkomandazzjoni 21 adottata mill-Partit għall-Ħidma dwar l-Iffaċilitar tal-Proċeduri għall-Kummerċ Internazzjonali, Ġinevra, Marzu 1986.

*L-ANNESS G*

**IL-KODIFIKA TAL-POSTIJIET TAT-TAGĦBIJA U L-ĦATT**

1. Il-Livell 3 tan-Nomenklatura dwar l-Entitajiet Territorjali għall-Istatistiċi (NUTS), għall-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

2. Il-listi tar-reġjuni amministrattivi mogħtija mill-pajjiż terz ikkonċernat, lil Stati li ma jkunux membri tal-Komunità Ewropea imma li jkunu partijiet kontraenti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jiġifieri l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

3. In-nomenklatura tal-pajjiżi li tintuża għall-istatistiċi tal-kummerċ Komunitarju estern, għal pajjiżi terzi oħra.